MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2004

Talba Numru. 204/2004

**SMS Insurance Agency Limited ghan-nom ta' Ecclesiastical Insurance Office Plc ta' l-Ingilterra, surrogata fid-drittijiet ta' Jason Mallia u l-istess Jason Mallia**

**Vs**

**William Bugeja u Mark Cassar**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-atturi talbu l-hlas tas-somma ta' Lm388.94c (tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu) rapprezentanti danni subiti mill-atturi wara ncident stradali li sehh fil-21 t'Awissu, 2002 fi Triq it-Torri, Sliema meta vettura MRC 222 misjuqa mill-konvenut Cassar baqghet diehla fuq vettura LCF 196 proprjeta' ta' l-attur u assigurata mas-socjeta' attrici u dan x'aktarx minhabba zlig fit-triq kawzat mill-bowser JBB 334 proprjeta' tal-konvenut l-iehor Bugeja, ghal liema ncident jahtu l-konvenuti jew min

minnhom. Mill-ammont mitlub Lm25.00 (hamsa u ghoxrin lira Maltin) thallsu bhala *excess* mill-attur Mallia.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-atturi u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ra l-atti tal-kawza u sema' lil Dr Christopher Vella li kkonferma li l-ammont ghadu dovut;

Ghaldaqstant, peress illi t-talba ta' l-atturi tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm388.94c (tlett mija u tmienja u tmenin lira Maltin u erbgha u disghin centezmu), bl-imghax kif mitlub. L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------